ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 80

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

20 ta' Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 237/2012 tad-19 ta' Marzu 2012 li tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Kerry Ingredients and Flavours)** [1] ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 238/2012 tad-19 ta' Marzu 2012 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sel de Guérande / Fleur de sel de Guérande (IĠP)]** ..... 4

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 239/2012 tad-19 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 9

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 240/2012 tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għal-laħam tat-tjur ..... 11

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 241/2012 tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 539/2007 għal ċerti prodotti fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd ..... 13

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

Prezz: EUR 3

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 242/2012 tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għal-laħam tat-tjur ..... 15

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/158/PESK tad-19 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina** ..... 17

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/159/PESK tad-19 ta' Marzu 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu** ..... 18

2012/160/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2012 dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mill-Gvern Federali tal-Ġermanja li jżommu l-valuri ta' limitu għaċ-ċomb, il-barju, l-arseniku, l-antimonju, il-merkurju u n-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli lil hinn mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli** ([1]) ..... 19

2012/161/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2012 li tipprevedi l-inizjazzjoni ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi fil-Bolivja** ..... 30

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/162/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2011 tal-Kumitat stabbilit skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-inklużjoni fl-Anness 1 tal-Kapitolu 19 il-ġdid dwar l-installazzjonijiet tal-Funikular u l-aġġornament tar-referenzi legali mniżżla fl-Anness 1** ..... 31

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa** (ĠU L 12, 14.1.2012) ..... 39

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 237/2012

**tad-19 ta' Marzu 2012**

**li tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Kerry Ingredients and Flavours)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħal din.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604). Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, biex tkun ikklassifikata fil-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) Fl-opinjoni tagħha tas-17 ta' Novembru 2011 [2], l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, il-preparazzjoni tal-alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604) ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li l-użu tagħha jista' jtejjeb il-piż finali tal-ġisem fit-tiġieġ għat-tismin. L-Awtorità tqis li wara t-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ. Din ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "sustanzi li jtejbu d-diġestibilità", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali, dejjem skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

[2] *EFSA Journal 2011*; 9(12):2451.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| In-numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | L-addittiv | Il-kompożizzjoni, il-formula kimika, id-deskrizzjoni, il-metodu analitiku | L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal | L-età massima | Il-kontenut minimu | Il-kontenut massimu | Dispożizzjonijet ohra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Il-kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jsaħħu d-diġestibilità.** | | | | | | | | | |
| 4a17 | Kerry Ingredients and Flavours | Alfa-galaktożidażi<br><br>(EC 3.2.1.22)<br><br>Endo-1,4-beta-glukanażi<br><br>(EC 3.2.1.4) | *Il-kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Il-preparazzjoni tal-alfa-galaktożidażi (EC 3.2.1.22) prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* (CBS 615.94) u endo-1,4-beta-glukanażi (EC 3.2.1.4) prodotta minn *Aspergillus niger* (CBS 120604), forma solida, b'attività minima ta':<br><br>— 1 000 U ([1]) alfa-galaktożidażi/g<br><br>— 5 700 U ([2]) endo-1,4-beta-glukanaże/g<br><br>*Il-karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>Alfa-galaktożidażi prodotta minn Saccharomyces cerevisiae (CBS 615.94) Endo-1,4-beta-glukanażi prodotta minn Aspergillus niger (CBS 120604)<br><br>*Il-Metodu ta' Analiżi* ([3])<br><br>Determinazzjoni:<br><br>— metodu kolorimetriku li jkejjel il-p-notrofenol meħlus bl-azzjoni tal-alfa-galaktożidażi mis-sottostrat tal-p-nitrofenil-alfa-galaktopiranoside;<br><br>— metodu kolorimetriku li jkejjel il-kulur li jinħall fl-ilma rilaxxat minn azzjoni ta' endo-1,4-beta-glukanażi minn kulur mgħaqqad ma' sottostrat ta' glukan taxxgħir iżraq imħallat | Tiġieġ għat-tismin | — | 50 U alf-galaktożidażi<br><br>285 U endo-1,4-beta-glukanażi | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, indika t-temperatura għall-ħażna, kemm żmien tista' tinżamm il-ħażna, u l-istabbiltà għall-pelleting.<br><br>2. Doża minima rakkomandata:<br><br>— 100 U alfa-galaktożidażi/kg<br><br>— 570 U endo-1,4-beta-glukanażi/kg<br><br>3. Għas-sikurezza: protezzjoni għan-nifs, nuċċalijiet u ingwanti għandhom jintużaw waqt l-immaniġġjar | id-9 ta' April 2022 |

([1]) 1 U hu l-ammont tal-enżimi li jeħles 1 μmol ta' p-nitrolfenol kull minuta mill-p-nitrofenil-alfa-galaktopiranożid (pNPG) f'pH 5,0 u 37 °C.
([2]) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jeħles 1 mg ta' zokkor riduċenti (ekwivalent ta' glukożju) minn beta-glukan fil-minuta f'pH ta' 5,0 u 50 °C.
([3]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi huma disponibbli fuq is-sit ta' hawn taħt tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 238/2012

## tad-19 ta' Marzu 2012

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Sel de Guérande / Fleur de sel de Guérande (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni ta' Franza biex id-denominazzjoni "Sel de Guérande / Fleur de sel de Guérande" (IĠP) tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-ebda oġġezzjoni ma ġiet innotifikata lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

(3) F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, perjodu tranżizzjonali jista' madankollu jingħata għall-impriżi stabbiliti fl-Istat Membru li fih tinsab iż-żona ġeografika, bil-kundizzjoni li dawn l-impriżi jkunu kkummerċjalizzaw il-prodotti kkonċernati b'mod legali, billi użaw b'mod kontinwu d-denominazzjonijiet ikkonċernati għal mhux inqas minn ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi, u li dan il-punt ikun iddaħħal fil-qafas tal-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni msemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament imsemmi.

(4) B'ittra li waslet fit-22 ta' Frar 2011, l-awtoritajiet tar-Repubblika Franċiża kkonfermaw lill-Kummissjoni li l-impriżi stabbiliti fit-territorju tagħhom, u li l-lista tagħhom qed tingħata fl-Anness II għal dan ir-Regolament, jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006.

(5) L-impriżi msemmija, skont dawn il-kundizzjonijiet, huma awtorizzati jutilizzaw id-denominazzjoni rreġistrata "Sel de Guérande/Fleur de sel de Guérande" (IĠP) għal perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni li tinsab fl-Anness I għal dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

Madankollu l-impriżi li l-lista tagħhom qed tingħata fl-Anness II għal dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jutilizzaw id-denominazzjoni msemmija għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 189, 29.6.2011, p. 42

*ANNESS I*

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 510/2006:

FRANZA

Sel de Guérande / Fleur de sel de Guérande (IĠP)

*ANNESS II*

**L-impriżi li huma awtorizzati jutilizzaw id-denominazzjoni rreġistrata “Sel de Guérande/Fleur de sel de Guérande” (IĠP) għal perjodu tranżizzjonali ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**

| Isem | Kumpanija | Indirizz 1 | Indirizz 2 | Muniċipalità |
|---|---|---|---|---|
| ANEZO Thierry | | Route du Lamy | | 44420 MESQUER |
| ARNOULD Nicolas | | Pen d'Hué | | 44350 ST MOLF |
| AUBE Didier | | Rue des Gabelous Boulay | | 44350 ST MOLF |
| BAHOLET Sylvain | | 133 av. de l'Océan | | 44510 LE POULIGUEN |
| BALAY Alain | | 3 rue de Treraly | | 44420 LA TURBALLE |
| BARON Julien | | 9 bis rue de la Gare | | 44740 BATZ SUR MER |
| BENISTY Daniel | | 59 route du Lany | | 44420 MESQUER |
| BERNIER Gilles | | Village de Guéniguen | | 44350 GUERANDE |
| BILLAUD Anthony | | 46 bis rue de la Grand-Vallée | | 44740 BATZ SUR MER |
| BIRKER Philippe | | 50 rue des Cordiers | | 44490 LE CROISIC |
| BODIGUEL François Xavier | | Kerneve | | 44350 GUERANDE |
| BOULEAU Stéphane | Sté l'Œillet de Guérande | Kergaigne n° 25 | | 44350 GUERANDE |
| BOURDIC Erwan | Sté LE NATURSEL | 33 rue de Cornen | | 44510 LE POULIGUEN |
| BOURSE Jean-Philippe | | 14 route de Brandu | | 44420 PIRIAC SUR MER |
| CALAME Florence | | La Métairie Neuve | La Petite Garenne | 44350 GUERANDE |
| CHARTEAU Lionel | | 2 rue de Bellevue | | 44350 ST MOLF |
| CHOPIN-LEHUEDE A-Marie | | 6 rue des Saulniers | | 44740 BATZ SUR MER |
| CONSTANT Guy | | 12 chemin de Pelue | | 44510 LE POULIGUEN |
| CONSTANT Philippe | | 18 rue des Pradeleaux | | 44350 GUERANDE |
| DANIEL Laurent | | 9 ter route du Bas Brivin | | 44500 LA BAULE |
| DANIEL Patrick | | 4 av. de Kerban | | 44740 BATZ SUR MER |
| DELETTRE Serge | | 7 bis rue des Parcs du Bourg | | 44410 ST LIPHARD |
| DINELLI Danielle | | 20 rue du Ber | SAILLE | 44350 GUERANDE |
| DIVOT Tony | | 77 rue du Port | | 56760 PENESTIN |
| DONINI Pascal | | 9 rue des Goélands | | 44740 BATZ SUR MER |
| DRUENNE Fabien | | La Butte | | 44350 ST MOLF |
| DUPIN DE BEYSSAT Antoine | | 9 bd Guy de Champsavin | | 44800 LA BAULE |
| DURAND Damien | | 7 av. des Moulins | | 44380 PORNICHET |

| Isem | Kumpanija | Indirizz 1 | Indirizz 2 | Muniċipalità |
|---|---|---|---|---|
| DURAND François | | 7 av. des Moulins | | 44380 PORNICHET |
| GRIVAUD Franck et Emmanuelle | | Route de la Turballe | SAILLE | 44350 GUERANDE |
| GUERCHAIS Chrystelle | | 62 route de Guérande | TREGATE | 44740 BATZ SUR MER |
| GUERIN André Yves | | 12 rue de la Salinière | | 44740 BATZ SUR MER |
| GUERIN Nicolas | | 10 imp. de la Bordane | | 44740 BATZ SUR MER |
| GUIBERT Christophe | EURL GUIBERT | 44 rue Lamartine | | 44350 GUERANDE |
| GUILLAUME Denis | | 54 rue H. Bournouveau | | 44420 LA TURBALLE |
| GUILLOTIN Dominique | | 7 rue de Kervaudet | | 44420 LA TURBALLE |
| HASPOT J-Paul | | 31 rue des Etaux | | 44740 BATZ SUR MER |
| HERVY Gilles | | Meliniac | | 44420 PIRIAC SUR MER |
| JOACHIM Stéphane | | Ile de Goben | Route de St André des Eaux | 44350 GUERANDE |
| JUBE Daniel | | 5 rue Sully | | 44420 LA TURBALLE |
| JUBE René | | 22 rue Sully | | 44420 LA TURBALLE |
| JUVIN Hélène | | Le Lany | | 44420 MESQUER |
| LACOURBAS Bruno | | 62 route de Guérande | TREGATE | 44740 BATZ SUR MER |
| LARDEUX Sandrine | | 18 route de Berigo | Zone Artisanale | 44740 BATZ SUR MER |
| LECERF-HASPOT Sandrine | | 31 rue des Etaux | | 44740 BATZ SUR MER |
| LEGAL Marc | | 4 rue de la Fontaine | MOUZAC | 44350 GUERANDE |
| LEHUEDE Bernard | | 4 rue des Saulniers | | 44740 BATZ SUR MER |
| LEHUEDE Hervé | | 18 av. Marguerite Jean | | 44500 LA BAULE |
| LEHUEDE Marie-Thérèse | | Le Fournil | TREGATE | 44740 BATZ SUR MER |
| LEHUEDE Raphaël | | 54 route de Guérande | | 44740 BATZ SUR MER |
| LESCAUDRON J-Paul | | 39 route de Trégate | | 44740 BATZ SUR MER |
| LESCAUDRON Sébastien | | 11 Chemin de Kermabon | | 44740 BATZ SUR MER |
| MACE Antoine | | 24 rue Basse Saillé | | 44350 GUERANDE |
| MACE J-François | | 19 rue des Prés Garnier | | 44350 GUERANDE |
| MAGRE Alice | | 46 bis rue de la Grand-Vallée | | 44740 BATZ SUR MER |
| MENARD Philippe | | 3 Chemin de Barnabé | | 44420 LA TURBALLE |
| MOIZAN Damy | | 42 route de Kerlan | | 44740 BATZ SUR MER |
| MOIZAN-BOURSE Marcelle | | 42 route de Kerlan | | 44740 BATZ SUR MER |

| Isem | Kumpanija | Indirizz 1 | Indirizz 2 | Muniċipalità |
|---|---|---|---|---|
| MORICE Denis | | Imp. Des Prés Leberre | TREGATE | 44740 BATZ SUR MER |
| MOUILLERON Olivier Yves Michel | | Chemin Bérigo | | 44740 BATZ SUR MER |
| NIGET Paul | | 605 Bd de Lauvergnac | | 44420 LA TURBALLE |
| NOURY Joël | | 44 rue des Goélands | | 44740 BATZ SUR MER |
| PAIN François | | 10 route de la Pigeonnière | | 44740 BATZ SUR MER |
| PAIN Gérard | | Route de Beauregard | | 44740 BATZ SUR MER |
| PAIN Guillaume Hervé | | 4 allée des Avocettes | | 44740 BATZ SUR MER |
| PAIN Jonathan-Valérick | | 5 lot. de Trémondais | | 44740 BATZ SUR MER |
| PAIN-LESCAUDRON Brigitte | | 4 allée des Avocettes | | 44740 BATZ SUR MER |
| PAULAY Stéphane | | Chemin des Prés Richard | TREGATE | 44740 BATZ SUR MER |
| PICHON J-Paul | | 42 rue de Kerbouchard | | 44740 BATZ SUR MER |
| PICHON Patrick | | 7 route de Bérigo | | 44740 BATZ SUR MER |
| PICHON Théophile | | 55 av. Moreau | | 44510 LE POULIGUEN |
| PROCKTER Pascal | | N° 51 Kerlagadec | | 44420 MESQUER |
| PRAUD Didier | SEL QUE J'AIME | 74 av. Guy de La Morandais | | 44500 LA BAULE |
| REMINIAC Sylvain | | 7 Faubourg St Michel | | 44350 GUERANDE |
| RIO Gwénaël | TRAD Y SEL SA | 9 rue Olivier Guichard | La Masse | 44740 BATZ SUR MER |
| RIO Louis-Charles | EURL RIO | ZA de Prad Velin | BP 37 | 44740 BATZ SUR MER |
| RIVALANT Aubin et Jean | GAEC HOLEN BREIZH | 33 route de Kermoisan | | 44740 BATZ SUR MER |
| RIVALANT J-Yves | | 27 rue de Poulan | | 44740 BATZ SUR MER |
| RIVRON J. et E. | | 7 chemin des Pierreries | ST MARC SUR MER | 44600 ST NAZAIRE |
| SORIN Anne-Laure | | 11 Chemin de Kermabon | | 44740 BATZ SUR MER |
| THIERY Sylvie | | 7 grand-Venelle | ROFFIAT | 44740 BATZ SUR MER |
| TILLARD Pierrick | | 33 route de Pradel | | 44350 GUERANDE |
| TILLEUL Dominique | | 14 rue du commerce | | 44510 LE POULIGUEN |
| TRIGODET Joël | | Le Haut Langâtre | | 44410 HERBIGNAC |
| TRIMAUD Mickaël | | 1930 ROUTE DE Fan Coispéan | | 44420 LA TURBALLE |
| VINET Daniel | | 19 rue de la Pigeonnière | | 44740 BATZ SUR MER |
| VINET Sylvain | | 11 rue de la Perseiverence | | 44490 LE CROISIC |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 239/2012

## tad-19 ta' Marzu 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 139,1 |
| | JO | 64,0 |
| | MA | 53,3 |
| | TN | 89,4 |
| | TR | 101,8 |
| | ZZ | 89,5 |
| 0707 00 05 | JO | 120,0 |
| | TR | 175,0 |
| | ZZ | 147,5 |
| 0709 91 00 | EG | 76,0 |
| | ZZ | 76,0 |
| 0709 93 10 | JO | 225,1 |
| | MA | 61,8 |
| | TR | 122,7 |
| | ZZ | 136,5 |
| 0805 10 20 | EG | 54,3 |
| | IL | 75,8 |
| | MA | 50,2 |
| | TN | 60,6 |
| | TR | 68,3 |
| | ZZ | 61,8 |
| 0805 50 10 | EG | 69,3 |
| | TR | 48,5 |
| | ZZ | 58,9 |
| 0808 10 80 | AR | 89,5 |
| | BR | 84,0 |
| | CA | 125,0 |
| | CL | 100,1 |
| | CN | 87,5 |
| | MK | 31,8 |
| | US | 143,4 |
| | UY | 74,9 |
| | ZA | 119,9 |
| | ZZ | 95,1 |
| 0808 30 90 | AR | 97,1 |
| | CL | 136,8 |
| | CN | 47,3 |
| | ZA | 92,4 |
| | ZZ | 93,4 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 240/2012

## tad-19 ta' Marzu 2012

## dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għal-laħam tat-tjur

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS (dwar l-OKS Unika)) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 għal ċerti kwoti jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti skont ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 għandhom ikunu assenjati skont il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9.

*ANNESS*

| Nru tal-grupp | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għas-subperjodu mill-1.4.2012-30.6.2012 (f'%) |
|---|---|---|
| P1 | 09.4067 | 3,335053 |
| P3 | 09.4069 | 0,378598 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 241/2012**

**tad-19 ta' Marzu 2012**

**dwar il-ħruġ ta' liċenzji għall-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 539/2007 għal ċerti prodotti fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd**

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2007 tal-15 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fis-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 539/2007 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti tas-settur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd.

(2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 għal ċerti kwoti jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti skont ir-Regolament (KE) Nru 539/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 għandhom ikunu assenjati skont il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19.

*ANNESS*

| Nru tal-grupp | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għas-subperjodu mill-1.4.2012-30.6.2012 (%) |
|---|---|---|
| E2 | 09.4401 | 26,424965 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 242/2012

## tad-19 ta' Marzu 2012

## dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 fil-kuntest tal-kwoti tariffarji miftuħa mir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għal-laħam tat-tjur

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS [dwar l-OKS Unika]) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel 7 ijiem tax-xahar ta' Marzu tal-2012 għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 jaqbżu, għal ċerti kwoti, il-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandu jkun applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2012 skont ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għandhom ikunu assenjati skont il-koeffiċjenti ta' allokazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Marzu 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47.

*ANNESS*

| Nru tal-grupp | Numru tas-serje | Koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għas-subperjodu mill-1.4.2012-30.6.2012 (f%) |
|---|---|---|
| 1 | 09.4410 | 0,320206 |
| 3 | 09.4412 | 0,362584 |
| 4 | 09.4420 | 0,365633 |
| 6 | 09.4422 | 0,369007 |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/158/PESK

## tad-19 ta' Marzu 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bosnja-Ħerzegovina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/173/PESK ([1]).

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/173/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sat-22 ta' Marzu 2013.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/173/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2011/173/PESK, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tibqa' tapplika sat-22 ta' Marzu 2013.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. GJERSKOV

([1]) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 68

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/159/PESK

## tad-19 ta' Marzu 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/172/PESK ([1]).

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġu estiżi sat-22 ta' Marzu 2013.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/172/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/172/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Marzu 2013.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. GJERSKOV

([1]) ĠU L 76, 22.3.2011, p. 63.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-1 ta' Marzu 2012

## dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mill-Gvern Federali tal-Ġermanja li jżommu l-valuri ta' limitu għaċ-ċomb, il-barju, l-arseniku, l-antimonju, il-merkurju u n-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli lil hinn mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/160/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 114(4) u (6) tiegħu,

Billi:

### IL-FATTI

(1) Fl-20 ta' Jannar 2011, il-Gvern Federali Ġermaniż, skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE, talab il-permess tal-Kummissjoni biex jibqa' jżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti stipulati fil-liġi Ġermaniża għall-ħames elementi li ġejjin: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju, kif ukoll għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli li jiġu rilaxxati mill-materjal tal-ġugarelli, wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli [1] (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva").

### L-Artikolu 114(4) u (6) tat-TFUE

(2) L-Artikolu 114(4) u (6) tat-TFUE jistipula:

"4. Jekk, wara l-adozzjoni ta' miżura ta' armonizzazzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni, Stat Membru jħoss li jkun meħtieġ li jżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali fuq il-bażi ta' neċessitajiet maġġuri msemmija fl-Artikolu 36, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-ambjent jew tal-ambjent tax-xogħol, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll dwar ir-raġuni għaliex għandhom jinżammu.

(…)

6. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur min-notifika, tapprova jew tirrifjuta d-dispożizzjonijiet nazzjonali involuti, wara li tkun ivverifikat jekk humiex jew le mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u jekk joħolqux jew le ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

Fin-nuqqas ta' Deċiżjoni mill-Kummissjoni matul dan il-perijodu, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafi 4 (…) għandhom ikunu meqjusa bħala li kienu approvati.

Meta tkun iġġustifikata mill-komplessità tal-materja u meta ma m'hemmx periklu għas-saħħa umana, il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat li l-perjodu msemmi f'dan il-paragrafu jista' jittawwal b'perjodu ieħor ta' sitt xhur."

### Id-Direttiva

(3) Id-Direttiva tistipula r-regoli dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, u dwar il-moviment liberu tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 54, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-20 ta' Jannar 2011, u għandhom japplikawhom mill-20 ta' Lulju 2011. Il-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva se tkun applikabbli mill-20 ta' Lulju 2013.

(4) Id-Direttiva tinkludi, fil-punt 8 tal-Parti III tal-Anness II, il-valuri speċifiċi għan-nitrosammini u għas-sustanzi nitrosatabbli. Dawn is-sustanzi għandhom ikunu pprojbiti għall-użu fil-ġugarelli maħsuba għall-użu mit-tfal ta' taħt is-36 xahar jew f'ġugarelli oħrajn li huma maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq, jekk il-migrazzjoni tas-sustanzi tkun ekwivalenti għal 0,05 mg/kg jew ogħla għan-nitrosammini u 1 mg/kg għas-sustanzi nitrosatabbli. Il-Punt 13 tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva jinkludi l-limiti speċifiċi ta' migrazzjoni għal bosta elementi, inklużi ċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju. Jeżistu tliet limiti differenti tal-migrazzjoni, marbuta mat-tip ta' materjal tal-ġugarell: materjal tal-ġugarelli xott, fraġli, qisu trab jew flessibbli, materjal tal-ġugarelli likwidu jew iwaħħal u materjal tal-ġugarelli li jkun inbarax minn fuqu. Ma għandhomx jinqabżu l-limiti li ġejjin rispettivament: 13,5, 3,4 u 160 mg/kg għaċ-ċomb, 3,8, 0,9 u 47 mg/kg għall-arseniku, 7,5, 1,9 u 94 mg/kg għall-merkurju, 4 500, 1 125 u 56 000 mg/kg għall-barju, u 45, 11,3 u 560 mg/kg għall-antimonju.

### Id-dispożizzjonijiet nazzjonali Ġermaniżi

(5) L-Ordinanza Ġermaniża dwar l-Oġġetti għall-Konsumatur (*Bedarfsgegenständeverordnung*) tistipula rekwiżiti għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew adottati fl-2008 fil-kuntest ta' nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tal-UE dwar in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli. L-Ordinanza dwar l-Oġġetti tal-Konsumatur (*Bedarfsgegenstände-verordnung*) titlob li għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli magħmula minn gomma naturali jew sintetika li huma maħsuba għal tfal taħt is-36 xahar u li

[1] ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

huma maħsuba jew mistennija li jitqiegħdu fil-ħalq, l-ammont rilaxxat b'riżultat ta' migrazzjoni għandu jkun żgħir tant li ma jkunx jidher f'analiżi fil-laboratorju. L-Ordinanza msemmija hawn fuq fil-preżent teħtieġ li l-migrazzjoni ta' nitrosammini u ta' sustanzi nitrosatabbli tkun inqas minn 0,01 mg/kg għan-nitrosammini u inqas minn 0,1 mg/kg għas-sustanzi nitrosatabbli. Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli huma stipulati fil-punt 1.b tal-Anness 4, u fil-punt 6 tal-Anness 10, tal-Ordinanza dwar l-Oġġetti tal-Konsumaturi (*Bedarfsgegenständeverordnung*), ippubblikata fit-23 ta' Diċembru 1997, u emendata reċentement bl-Ordinanza tas-6 ta' Marzu 2007.

(6) It-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug - 2. GPSGV*)) tikkonċerna b'mod partikolari l-elementi li ġejjin: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju. Il-valuri tal-limitu għall-elementi msemmija hawn fuq li jinsabu fit-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (Verordnung *über die Sicherheit von Spielzeug - 2. GPSGV*) huma dawk stipulati fid-Direttiva 88/378/KEE KEE tat-3 ta' Mejju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli ([1]). Dawn il-limiti ilhom applikabbli fl-UE mill-1990. Il-bijodisponibilità massima ta' kuljum hija 0,7 µg għaċ-ċomb, 0,1 µg għall-arseniku, 0,5 µg għall-merkurju, 25,0 µg għall-barju u 0,2 µg għall-antimonju. Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-elementi msemmija hawn fuq huma stipulati fil-§ 2 tat-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug - 2. GPSGV*).

## PROĊEDURA

(7) Fl-20 ta' Jannar 2011, permezz tal-ewwel ittra tiegħu mibgħuta mill-Ministeru Federali tal-Affarijiet Ekonomiċi u tat-Teknoloġija, il-Gvern Federali Ġermaniż talab, skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE, il-permess tal-Kummissjoni biex iżomm id-dispożizzjonijiet eżistenti stipulati fil-liġi Ġermaniża għall-ħames elementi li ġejjin: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju, kif ukoll għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli li jiġu rilaxxati mill-materjal tal-ġugarelli, wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva. Permezz ta' ittra mibgħuta mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Permanenti tiegħu bid-data tat-2 ta' Marzu 2011, il-Gvern Federali tal-Ġermanja bagħat ġustifikazzjoni sħiħa tat-talba tiegħu. Il-ġustifikazzjoni ddettaljata kien fiha għadd ta' annessi li kienu jinkludu l-istudji xjentifiċi bid-data ta' Jannar 2011, mingħand il-Bundesinstitut für Risikobewertung (minn hawn 'il quddiem il-BfR) dwar il-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa tas-sustanzi msemmijin hawn fuq.

(8) Il-Kummissjoni kkonfermat li kienet irċeviet it-talba permezz ta' żewġ ittri bid-dati tal-24 ta' Frar 2011 u l-14 ta' Marzu 2011, u ffissat il-limitu ta' żmien għar-risposta tagħha għall-5 ta' Settembru 2011, skont l-Artikolu 114(6) TFEU.

([1]) ĠU L 187, 16.7.1988, p. 1.

(9) B'ittra tal-24 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri l-oħra dwar in-notifika li rċeviet mingħand il-Gvern Federali tal-Ġermanja. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll avviż dwar in-notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) biex tgħarraf lill-partijiet interessati l-oħra dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-Gvern Federali tal-Ġermanja għandu l-ħsieb li jżomm kif ukoll dwar ir-raġunijiet li hemm għal dan.

(10) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, l-Isvezja u diversi partijiet interessati kkonċernati.

(11) Ir-Repubblika Ċeka tqis li l-miżuri nnotifikati mill-Ġermanja jikkostitwixxu xkiel għall-kummerċ billi l-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw mad-Direttiva ma jkunux jistgħu jqiegħdu l-ġugarelli fis-suq Ġermaniż. L-awtoritajiet Ċeki jappoġġaw livell ogħla ta' protezzjoni għat-tfal mill-kimiċi perikolużi, madankollu huma tal-opinjoni li dawn il-miżuri għandhom jittieħdu fil-livell Ewropew, fil-qafas tad-Direttiva.

(12) Il-Polonja hija tal-opinjoni li l-miżuri Ġermaniżi huma ostaklu għall-moviment ħieles tal-ġugarelli fl-UE u għalhekk mhumiex aċċettabbli. Il-Polonja għandha l-opinjoni li Stat Membru wieħed ma jistax, unilateralment, ikollu rekwiżiti tas-sikurezza differenti, u joħloq xkiel għat-tħaddim tas-suq tal-ġugarelli.

(13) L-Isvezja tqis li l-ġustifikazzjonijiet imressqa mill-Ġermanja huma konvinċenti u tappoġġa t-talba.

(14) B'ittra lill-Kummissjoni, l-Industriji tal-Ġugarelli tal-Ewropa, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-manifatturi tal-materji għall-kitba, l-assoċjazzjoni Franċiża tal-manifatturi tal-ġugarelli u l-Kunsill Ewropew tal-Bżieżaq qasmu t-tħassib tagħhom fir-rigward tax-xkiel li l-miżuri Ġermaniżi, jekk jiġu aċċettati, se joħoloqu fit-tħaddim tas-suq intern tal-ġugarelli.

(15) Bid-Deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 2011 ([3]), il-Kummissjoni infurmat lill-Gvern Federali Ġermaniż li, skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 114(6) tat-TFEU, il-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu tiegħu biex jiġu approvati jew miċħudin id-dispożizzjonijiet dwar il-ħames elementi (iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju) kif ukoll in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli, innotifikati mill-Ġermanja fit-2 ta' Marzu 2011, skont l-Artikolu 114(4), huwa mtawwal sal-5 ta' Marzu 2012.

([2]) ĠU C 159, 28.5.2011, p. 23.
([3]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/510/UE tal-4 ta' Awwissu 2011 li testendi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 114(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jżommu l-valuri ta' limitu għaċ-ċomb, il-barju, l-arseniku, l-antimonju, il-merkurju u n-nitrosamini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli nnotifikati mill-Ġermanja skont l-Artikolu 114(4) (ĠU L 214, 19.8.2011 p. 15).

**VALUTAZZJONI**

**Ammissibbiltà**

(16) Il-Kummissjoni, fid-Deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Awwissu 2011, ikkunsidrat li l-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja bl-għan li tikseb l-awtorizzazzjoni biex iżżomm id-dispożizzjonijiet nazzjonali għall-ħames elementi: iċ-ċomb, l-arseniku, il-merkurju, il-barju u l-antimonju; kif ukoll dawk għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli, hija aċċettabbli.

**Valutazzjoni tal-merti**

(17) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 114 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha taċċerta li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li jagħtu s-setgħa lil Stat Membru li jagħmel użu mill-possibbiltajiet għal deroga previsti f'dan l-artikolu. Il-Kummissjoni jeħtieġ tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet notifikati humiex iġġustifikat mill-bżonnijiet maġġuri tal-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 36, jew marbuta mal-ambjent jew mal-ambjent tax-xogħol. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk dawn il-miżuri, meta jkunu ġġustifikati, humiex mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jekk jikkostitwux xkiel għat-tħaddim tas-suq intern.

(18) Il-Gvern Federali Ġermaniż ibbaża t-talba tiegħu fuq il-bżonn li titħares is-saħħa tal-bniedem. B'appoġġ għal din it-talba, l-awtoritajiet Ġermaniżi taw ġustifikazzjoni dettaljata inkluża studji xjentifiċi dwar il-valutazzjoni tas-saħħa tas-sustanzi kkonċernati mill-BfR).

*Ġustifika bbażata fuq kriterji ta' bżonnijiet maġġuri*

Kummenti preliminari

(19) Il-valuri ta' limitu għall-arseniku, iċ-ċomb, l-antimonju, il-barju u l-merkurju stipulati fit-Tieni Ordinanza relatata mal-Att dwar is-Sikurezza tat-Tagħmir u l-Prodotti (*Verordnung über die Sicherheit von Spielzeug - 2. GPSGV*) huma dawk stipulati fid-Direttiva 88/378/KEE, applikabbli fl-UE mill-1990 'l hawn. Dawn il-limiti kienu stipulati fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika disponibbli dak iż-żmien, primarjament l-opinjoni xjentifika tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv biex jeżamina t-tossiċità u l-ekotossiċità tal-komposti kimiċi mill-1985, bit-titlu Rapport EUR 12964(EN), Kapitolu III "Proprjetajiet kimiċi tal-ġugarelli". Biex jitwaqqfu l-valuri ta' limitu, intużaw bħala bażi l-estimi għall-konsum tal-ikel għall-adulti. Tqies li t-tfal li għandhom piż stmat ta' mhux iktar minn 12 kg jikkunsmaw massimu ta' 50 % tal-konsum tal-adulti, u li t-tnixxija mill-ġugarelli ma għandux jikkontribwixxi iktar minn 10 %.

(20) Id-Direttiva, adottata fl-2009, issostitwiet id-Direttiva 88/378/KEE u mmodernizzat il-qafas legali applikabbli għall-kimiċi, billi qieset l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli fiż-żmien tar-reviżjoni.

(21) Il-valuri ta' limitu għall-arseniku, iċ-ċomb, l-antimonju, il-barju u l-merkurju stipulati fid-Direttiva jiġu kkalkulati kif ġej: abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Nazzjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent (RIVM) li saru fir-rapport tal-2008 bit-titlu "Il-Kimiċi fil-Ġugarelli. Metodoloġija ġenerali għall-valutazzjoni tas-sikurezza kimika tal-ġugarelli b'fokus fuq l-elementi", l-esponiment tat-tfal għall-kimiċi fil-ġugarelli ma jistax jisboq ċertu livell li jissejjaħ "doża tollerabbli ta' kuljum". Billi t-tfal huma esposti għall-kimiċi minn sorsi oħra apparti l-ġugarelli, perċentwal biss mid-doża tollerabbli ta' kuljum tista' tiġi allokata. Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċita u l-Ambjent (CSTEE) irrakkomanda fir-rapport tiegħu tal-2004 li jista' jiġi allokat massimu ta' 10 % tad-doża tollerabbli ta' kuljum fil-ġugarelli. Madankollu, għal sustanzi partikolarment tossiċi (pereżempju, l-arseniku, iċ-ċomb u l-merkurju) il-Leġiżlatur iddeċieda li l-allokazzjoni rrakkomandata ma għandhiex tisboq il-5 % tad-doża tolerabbli ta' kuljum, sabiex ikun żgurat li jkunu preżenti biss dawk it-traċċi li jkunu kompatibbli mal-prattika tajba tal-manifattura. Sabiex jinkisbu l-valuri ta' limitu, il-perċentwal massimu tad-doża tollerabbli ta' kuljum għandu jiġi mmultiplikat bil-piż tat-tfal, smat għal 7,5 kg, u diviż bil-kwantità tal-materjal tal-ġugarell ikkunsmat, stmata mill-RIVM għal 8 mg kuljum għall-materjal mibrux mill-ġugarell, 100 mg għall-materjal ta' ġugarelli li jitfarrak malajr u 400 mg għal materjal tal-ġugarelli likwidu jew li jwaħħal. Dawk il-limiti ta' inġestjoni kienu appoġġati mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa u r-Riskji Ambjentali (SCHER) fl-opinjoni tiegħu bit-titlu "Riskji mis-sustanzi CMR organiċi fil-ġugarelli" adottata fit-18 ta' Mejju 2010. Billi d-dożi tollerabbli ta' kuljum jiġu stabbiliti bi studji xjentifiċi, u x-xjenza tista' tevolvi, il-Leġiżlatur ippreveda l-possibbiltà li jemenda dawn il-limiti meta ssir disponibbli evidenza xjentifika ġdida.

(22) Id-Direttiva tistabbilixxi limiti ta' migrazzjoni, filwaqt li l-valuri nazzjonali li l-Ġermanja trid iżżomm huma espressi f'bijodisponibbiltà. Il-bijodisponibbiltà hija definita bħala l-ammont ta' kimiċi li tabilħaqq joħroġ minn ġugarell u li jista', iżda mhux bilfors, jiġi assorbit minn ġisem il-bniedem. Il-migrazzjoni hija definita bħala l-ammont li tabilħaqq joħroġ minn ġugarell u li tabilħaqq jiġi assorbit minn ġisem il-bniedem. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-limiti tal-bijodisponibbiltà stipulati fl-1990 ġew mibdula f'limiti tal-migrazzjoni fl-istandard EN 71-3 – Migrazzjoni ta' ċerti elementi. Madankollu, il-kalkoli li saru għall-iskop ta' din it-trasformazzjoni kienu approssimattivi. Id-dożi tollerabbli ta' kuljum li ntużaw huma abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mill-1985. Ġiet preżunta doża kuljum ta' 8 mg ta' materjal tal-ġugarelli, u saru

aġġustamenti biex jiġi mminimizzat l-esponiment tat-tfal għall-elementi tossiċi bit-tnaqqis, pereżempju, tal-limitu tal-migrazzjoni għall-barju, u biex tiġi żgurata l-fattibilità analitika biż-żieda, pereżempju, tal-limitu tal-migrazzjoni għall-antimonju u l-arseniku.

(23) Il-Kummissjoni tinnota li l-istandards mhumiex mandatorji, iżda jintużaw fuq bażi volontarja mill-industrija fil-qafas tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità stipulati fil-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, l-istandard EN 71-3 bħalissa qiegħed jiġi rivedut sabiex jagħti preżunzjoni tal-konformità mal-valuri ta' limitu l-ġodda stabbiliti fid-Direttiva.

(24) B'konklużjoni, tqiesu kunsiderazzjonijiet xjentifiċi differenti fl-istabbiliment tal-limiti skont id-Direttiva u skont l-istandard EN 71-3. Dawk stabbiliti skont id-Direttiva huma bbażati fuq approċċ xjentifiku-tossikoloġiku konsistenti u trasparenti biex tiġi żgurata s-sikurezza, u għalhekk jistgħu jitqiesu li huma iktar xierqa.

Arseniku - informazzjoni ġenerali

(25) L-arseniku huwa metall li jokkorri b'mod naturali fil-qoxra tad-dinja. Jokkorri f'forom inorganiċi u f'bosta forom organiċi li jvarjaw mhux biss fil-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi iżda wkoll fl-okkorrenza u t-tossiċità tagħhom. L-attivitajiet bħall-minjieri, l-inċinerazzjoni tal-iskart u l-preservazzjoni tal-injam huma s-sors ewlieni fl-ambjent. Il-konsum tal-ilma u l-ikel (partikolarment il-frott tal-baħar) huwa s-sors ewlieni tal-esponiment tal-bniedem. Fil-ġugarelli, jistgħu jinstabu traċċi tal-arseniku minħabba l-użu tal-materjali li jistgħu jkunu kkontaminati b'mod naturali. L-arseniku huwa estremament tossiku għall-bniedem, u jista' jfixkel is-sistema nervuża ċentrali, li jwassal għal deterjorament tal-funzjonijiet konjittivi. Il-konsum kroniku elevat tal-arseniku inorganiku jista' jkollu effetti karċinoġeniċi.

(26) Il-limiti tal-migrazzjoni għall-arseniku fid-Direttiva huma bbażati fuq id-doża tollerabbli ta' kuljum stabbilita mill-Kumitat Konġunt dwar l-Addittivi tal-Ikel tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (JECFA) fl-1989, kif irrakkomandat mill-RIVM.

Il-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(27) Biex jappoġġaw it-talba tagħhom, l-awtoritajiet Ġermaniżi jirreferu għall-istudju tal-2009 tal-EFSA ([1]) li jivvaluta l-effetti tal-arseniku fuq is-saħħa. Fl-opinjoni tal-EFSA, id-doża tollerabbli ta' kuljum stabbilita minn JECFA fl-1989 m'għadhiex xierqa. Barra minn hekk, EFSA kkonkludiet li ma tistax tiġi stabbilita doża tollerabbli ta' kuljum minħabba l-inċertezzi xjentifiċi.

([1]) *EFSA Journal* 2009; 7(10):1351.

(28) L-awtoritajiet Ġermaniżi qalu li EFSA tirrakkomanda li l-esponiment għall-arseniku għandu jitnaqqas kemm jista' jkun, filwaqt li l-valuri ta' limitu għall-arseniku f'materjali li jinbarxu mill-ġugarelli fid-Direttiva jiżdiedu meta mqabbla mal-limiti fl-istandard EN 71-3.

(29) Ukoll, il-Ġermanja tenfasizza li l-ġugarelli huma l-iktar kontribut sinifikanti wara l-ikel għall-esponiment globali tat-tfal għall-arseniku.

(30) B'konklużjoni, il-Ġermanja talbet biex iżżomm il-limiti nazzjonali għall-arseniku.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(31) Il-Kummissjoni ġiet infurmata dwar l-istudju tal-EFSA tal-2009 dwar l-arseniku u qisitu bħala evidenza xjentifika ġdida li tista' twassal għar-reviżjoni tal-valuri ta' limitu tal-arseniku. L-istudju ntbagħat lill-kumitat SCHER. Fl-opinjoni tiegħu ([2]), SCHER jinnota li EFSA ma dderivatx doża tollerabbli ta' kuljum, iżda użat valur abbażi tar-riskju. SCHER ikkonkluda f'opinjonijiet preċedenti ([3]) li "doża tal-arseniku għandha rispons mhux lineari f'dawk li jirrigwarda l-kanser". Bl-użu tal-limitu legali attwali għall-ilma tax-xorb (10 µg/L) u l-esponiment għall-ikel definit mill-EFSA għall-konsumatur medju, SCHER ikkonkluda li l-esponiment tal-bniedem għall-arseniku kuljum huwa madwar 1 µg/kg tal-piż tal-ġisem/jum u ma jżidx l-inċidenza tat-tumuri. Dan il-valur jista' jintuża bħala doża tollerabbli pragmatika ta' kuljum, u l-esponiment tat-tfal mill-ġugarelli ma għandux jaqbeż l-10 %.

(32) Il-valur li fuqu SCHER ikkonkluda jikkorrispondi għad-doża tollerabbli ta' kuljum irrakkomandata minn RIVM u użata biex jikkalkula l-migrazzjoni tal-arseniku mill-ġugarelli fid-Direttiva. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-valuri ta' limitu għall-arseniku ma għandhomx jiġu emendati, billi ma ġiet stabbilita ebda doża tollerabbli ġdida li tista' titfa' d-dubju fuq il-livell tal-protezzjoni mogħti mid-Direttiva.

(33) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tixtieq tisstressja li l-awtoritajiet Ġermaniżi ġġustifikaw it-talba tagħhom biex iżommu l-livelli nazzjonali għall-arseniku billi jirreferu għall-firxa ta' dożi ta' kuljum stabbiliti fl-istudju tal-EFSA tal-2009. Il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri

([2]) SCHER, "Evaluation of the Migration Limits for Chemical Elements in Toys", adottat fl-1 ta' Lulju 2010.

([3]) Opinjoni mogħtija dwar id-deroga tal-Italja għall-arseniku fl-ilma tax-xorb (SCHER 2010 c).

nnotifikati ma jidhrux konsistenti ma' din il-ġustifikazzjoni. Il-limiti nnotifikati huma derivati mid-dożi stmati tal-ikel stabbiliti fl-1985, u mhux mid-dożi rrakkomandati mill-EFSA fl-2009.

(34) L-awtoritajiet Ġermaniżi qalu wkoll li l-limiti għall-arseniku fil-materjali mibruxa mill-ġugarelli (47 mg/kg ta' materjal) żdiedu meta mqabbla mal-limiti stabbiliti fl-istandard EN 71-3.

(35) Il-Kummissjoni tqis li ġew ikkundisrati kunsiderazzjonijiet xjentifiċi differenti fl-istabbiliment tal-limiti skont id-Direttiva u skont l-istandard EN 71-3. Dawk stabbiliti skont id-Direttiva huma bbażati fuq approċċ xjentifiku-tossikoloġiku konsistenti u trasparenti biex tiġi żgurata s-sikurezza, u għalhekk jistgħu jitqiesu li huma iktar xierqa.

(36) Il-limiti tal-migrazzjoni għall-arseniku fil-materjal tal-ġugarelli mibrux huma bbażati fuq id-doża tollerabbli ta' kuljum rakkomandata mill-RIVM fl-2007, u fuq il-preżunzjoni li l-kontribut tal-ġugarelli ma għandux ikun iktar minn 5 %. Dan il-perċentwal ġie mmultiplikat bil-piż stmat tat-tfal (7,5 kg), u diviż bil-kwantità stmata tal-materjal tal-ġugarelli li jkun inġestit (8 mg għall-materjali mibruxa) Il-limiti tal-migrazzjoni għall-arseniku fl-istandard EN 71-3 ġew derivati mil-limiti tal-bijodisponibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 88/378/KEE, abbażi tal-konsum tal-ikel stabbilit fl-1985. Il-metodu tal-kalkolu applikat ma qiesx il-piż tat-tfal u lanqas ma qies id-differenzi bejn il-materjali tal-ġugarelli, kif tagħmel id-Direttiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva huma iktar xierqa.

(37) Barra minn hekk, il-Ġermanja tenfasizza li l-ġugarelli huma l-iktar kontribut sinifikanti wara l-ikel għall-esponiment totali tat-tfal għall-arseniku. Il-Kummissjoni tinnota li, abbażi tad-dejta xjentifika disponibbli [1], il-ħamrija u l-injam ittrattat huma l-iktar kontribut sinifikanti wara l-ikel għall-esponiment totali tat-tfal għall-arseniku. Madankollu, irrispettivament mill-kontributi effettivi mill-kompartimenti differenti għall-esponiment globali, il-Leġiżlatur qies li l-kontribut mill-ġugarelli ma għandux ikun iktar minn 5 % tal-esponiment totali, biex tkun żgurata s-sikurezza.

(38) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri notifikati mill-Ġermanja fir-rigward tal-arseniku ma jistgħux jitqiesu li huma ġġustifikati minħabba r-raġunijiet ta' bżonn maġġuri ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

Antimonju - informazzjoni ġenerali

(39) L-antimonju huwa element kimiku semimetalliku li jista' jeżisti f'żewġ forom, jiġifieri l-forma metallika u dik mhux metallika. L-antimonju jseħħ b'mod naturali fl-ambjent, iżda jispiċċa fl-ambjent ukoll minn diversi applikazzjonijiet industrijali. L-antimonju jintuża biex isiru ċerti tipi ta' apparati semikondutturi, bħad-diodi u d-detetturi infrared. Il-ligi tal-antimonju jintużaw ukoll fil-batteriji, il-metalli bi frizzjoni baxxa, sheathing tat-type metal u tal-kejbils, fost prodotti oħrajn. Il-komposti tal-antimonju jintużaw għall-produzzjoni ta' materjali u żebgħa li ma jinħarqux. Il-ġbid għal ġol-pulmuni tal-antimonju jista' jikkawża l-irritazzjoni tal-għajnejn, il-ġilda u l-pulmuni. L-esponiment prolongat jista' jikkawża l-mard tal-pulmun, il-problemi tal-qalb, id-dijarea, remettar sever u ulċeri. Fil-ġugarelli, l-antimonju jista' jintuża biex il-ġugarell ma jaqbadx.

Il-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(40) L-awtoritajiet Ġermaniżi nnutaw żieda fil-valuri ta' limitu għall-antimonju f'materjali mibruxa tal-ġugarelli, kif stabbilit fid-Direttiva, meta mqabbla mal-limiti fl-istandard EN 71-3. Għalkemm il-Ġermanja taqbel li mhux mistenni jkun hemm effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem mil-limiti stipulati fid-Direttiva, din iż-żieda mhijiex meqjusa neċessarja. Għalhekk, il-Ġermanja qed titlob li żżomm il-limiti nazzjonali.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(41) Kif intqal qabel, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-valuri ta' limitu stipulati fid-Direttiva huma iktar xierqa, billi dawn huma bbażati fuq metodu xjentifiku-tossikoloġiku konsistenti u trasparenti għall-iżgurar tas-sikurezza.

(42) Il-limiti għall-migrazzjoni għall-antimonju fil-materjal mibrux tal-ġugarelli huma bbażati fuq id-doża tollerabbli ta' kuljum tad-WHO [2] fl-2003 u rrakkomandata mill-RIVM fl-2007, u fuq il-preżunzjoni li l-kontribut mill-ġugarelli ma għandux jisboq l-10 %. Dan il-perċentwal ġie mmultiplikat mill-piż stmat tat-tfal (7,5 kg), u diviż bil-kwantità stmata ta' materjal tal-ġugarell inġestit (8 mg/kg għall-materjali mibruxa). Il-limiti tal-migrazzjoni għall-antimonju fl-istandard EN 71-3 ġew derivati mil-limiti tal-bijodisponibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 88/378/KEE, abbażi tal-istimi tal-konsum mill-ikel stabbiliti fl-1985. Il-metodu tal-kalkolu applikat ma jqisx il-piż tat-tfal u lanqas id-differenzi bejn il-materjali tal-ġugarelli, kif tagħmel id-Direttiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva huma iktar xierqa.

(43) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Ġermanja, fil-ġustifikazzjoni li tat, tammetti li mhuwiex mistenni effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem mill-valuri ta' limitu għall-antimonju kif stabbiliti fid-Direttiva. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Ġermanja ma tatx

[1] RIVM, Aġenzija għas-sustanzi tossiċi u r-Reġistru tal-Mard (ATSDR) 2007.

[2] WHO (2003) L-antimonju fl-ilma tax-xorb.

evidenza li turi li d-Direttiva ma toffrix livell iktar xieraq ta' protezzjoni lit-tfal, u lanqas li l-miżuri tal-Ġermanja kienu se joffru livell ogħla ta' protezzjoni.

(44) Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri nnotifikati mill-Ġermanja fir-rigward tal-antimonju ma jistgħux jitqiesu li huma ġġustifikati abbażi ta' bżonn maġġuri ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

Barju - informazzjoni ġenerali

(45) Il-barju huwa preżenti fil-qoxra tad-dinja, l-iktar bħala s-sulfat tal-barju u l-karbonat tal-barju. Dawn il-forom ma jinħallux fl-ilma. Melħ ieħor tal-barju bħall-klorur tal-barju jew in-nitrat tal-barju, madankollu, idub faċilment fl-ilma. Il-barju huwa preżenti fl-ilma tal-wiċċ u l-ilma tax-xorb (jokkorri b'mod naturali). Il-kontenut tal-barju fl-ilma tax-xorb jiddependi fuq il-kundizzjonijiet ġeokimiċi reġjonali. L-ikel ukoll fih il-barju. L-inġestjoni tal-barju jista' jikkawża pressjoni tad-demm ogħla, irritazzjoni tal-istonku, dgħufija tal-muskoli, u ħsara lill-fwied, il-kliewi, il-qalb u l-milsa. Il-barju ftit jintuża fl-industrija. Billi l-barju jokkorri b'mod naturali fl-ambjent, jistgħu jinstabu traċċi tal-barju fil-ġugarelli meta dawn jiġu mmanifatturati b'materji primi naturali.

Il-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(46) L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li hemm xi inċertezzi fir-rigward tad-doża tollerabbli ta' kuljum għall-kalkolu tal-limiti tal-migrazzjoni għall-barju fid-Direttiva. L-RIVM juża doża tollerabbli ta' kuljum ta' 600 µg/kg piż tal-ġisem/jum, abbażi ta' dejta minn esperimenti fuq l-annimali (Engelen *et al.* 2008). Skont il-Ġermanja, l-użu ta' din id-doża tollerabbli ta' kuljum jirriżulta f'limiti tal-migrazzjoni ogħla għall-barju f'materjali mibruxa, meta mqabbel ma' dawk stipulati fl-istandard EN 71-3. Il-Ġermanja tqis li l-għażla tal-RIVM hija dibattibbli, billi l-WHO [1] iddeterminat dożi tollerabbli ta' kuljum li huma ferm inqas. Għalhekk, il-Ġermanja qed titlob li żżomm il-limiti nazzjonali fir-rigward tal-barju.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(47) Il-Kummissjoni tinnota li hemm xi inċertezzi fir-rigward tad-doża tollerabbli ta' kuljum għall-barju. Għalkemm id-dejta tal-bniedem titqies bħala bażi iktar xierqa għad-derivazzjoni ta' doża tollerabbli ta' kuljum, l-RIVM qies li l-istudji li jipprovdu din id-dejta kellhom difetti serji. Għalhekk, intużat dejta mill-esperimenti fuq l-annimali li hija iktar affidabbli għad-derivazzjoni ta' doża tollerabbli ta' kuljum.

(48) Il-valutazzjoni tal-WHO, abbażi ta' dejta tal-bniedem, tirrakkomanda doża tollerabbli ta' kuljum iktar baxxa. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li din il-valutazzjoni, li aktarx toffri livell ogħla ta' protezzjoni lit-tfal, jista' jkun li ma ġietx meqjusa sewwa mill-RIVM.

(49) Għalhekk, il-Kummissjoni bagħtet għall-opinjoni tal-kumitat SCHER, u talbet għal valutazzjoni addizzjonali tal-limiti tal-migrazzjoni għall-barju, u rakkomandazzjonijiet fir-rigward tad-doża tollerabbli ta' kuljum li għandha tintuża, fid-dawl tad-dokument ta' valutazzjoni tal-WHO. L-opinjoni mistennija tingħata f'Marzu 2012.

(50) Fuq il-bażi ta' xi tkun l-opinjoni ta' SCHER, il-Kummissjoni tkun tista' tipproċedi, jekk jitqies li jkun hemm bżonn, għar-reviżjoni tal-limiti tal-migrazzjoni tal-barju kif stabbilit fid-Direttiva.

(51) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri notifikati mill-Ġermanja fir-rigward tal-barju jistgħu jitqiesu li huma ġġustifikati minħabba r-raġunijiet ta' bżonn maġġuri ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

Ċomb - informazzjoni ġenerali

(52) Iċ-ċomb huwa metall partikolarment tossiku li għandu forma organika u wkoll inorganika. Billi ċ-ċomb jitqies bħala sustanza tossika mingħajr limiti għall-effetti newrotossiċi u minħabba l-vulnerabbiltà speċifika tat-tfal, l-esponiment tagħhom għaċ-ċomb għandu jitnaqqas kemm jista' jkun possibbli. L-esponiment għaċ-ċomb jista' jikkawża ħsara lis-sistema nervuża ċentrali tat-tfal u għalhekk ikollu impatt negattiv fuq l-iżilupp tagħhom. L-esponiment għaċ-ċomb jirriżulta l-iktar mill-prodotti tal-ikel (iċ-ċereali, il-ħaxix u l-ilma tal-vit huma l-ikbar kontributuri għall-esponiment għaċ-ċomb). Sors ieħor importanti tal-esponiment huwa l-ambjent, partikolarment it-trab tad-dar. Sors ieħor tal-esponiment huwa l-kuntatt mal-prodotti tal-konsumatur, inkluż il-ġugarelli. Billi hemm esponiment għoli mill-ikel u l-ambjent, il-valuri ta' limitu għaċ-ċomb fil-ġugarelli ġew stabbiliti b'tali mod li l-esponiment mill-ġugarelli ma jisboqx ċertu ammont tas-sorsi kollha tal-esponiment. Iċ-ċomb jista' jinstab fiż-żebgħa tal-ġugarelli u fil-plastik imrattab. It-tfal huma esposti għaċ-ċomb mill-inġestjoni, partikolarment mill-idejn għall-ħalq jew minn imġiba fejn it-tfal ipoġġu l-affarijiet f'ħalqhom. Hekk kif iż-żebgħa tiddeterjora, din titqaxxar, tippolverizza u mbagħad tiġi inġerita

[1] L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2001. Il-barju u l-komposti tal-barju. Dokument tal-valutazzjoni kimika internazzjonali konċiż.

jew tibqa' fuq l-idejn u s-swaba' minn fejn tiġi inġerita jew miġbuda bin-nifs. Jekk jitqiesu l-karatteristiċi tossikoloġiċi taċ-ċomb, l-esponiment dermali ma jidhirx li jirrappreżenta xi riskju lis-saħħa ([1]).

Il-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(53) L-awtoritajiet Ġermaniżi jirreferu għall-istudju tal-EFSA tal-2010 li fih valutazzjoni komprensiva dwar iċ-ċomb. Fl-opinjoni tal-EFSA, ma hemmx doża ta' limitu ġġustifikata xjentifikament għall-effetti negattivi taċ-ċomb fuq is-saħħa tal-bniedem. Għalhekk, il-Ġermanja tqis li l-limiti tal-migrazzjoni għaċ-ċomb, kif stabbilit fid-Direttiva, ma għadhomx ibbażati fuq ix-xjenza u talbet li żżomm il-miżuri nazzjonali.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(54) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-limiti tal-migrazzjoni għaċ-ċomb kif stabbiliti fid-Direttiva ma għadhomx joffru livelli xieraq ta' protezzjoni għat-tfal. Id-doża tollerabbli ta' kuljum użata għall-kalkolu tal-limiti ġiet iddubitata mill-EFSA u l-JECFA fl-2010, wara r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tas-sikurezza tal-ġugarelli. Meta qieset dan, il-Kummissjoni diġà wettqet ir-reviżjoni tal-limiti msemmija fuq.

(55) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri notifikati mill-Ġermanja fir-rigward taċ-ċomb jistgħu jitqiesu li huma ġġustifikati minħabba r-raġunijiet ta' bżonn maġġuri ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

Merkurju - informazzjoni ġenerali

(56) Il-merkurju huwa element li jokkorri b'mod naturali fil-qoxra tad-dinja. Is-sors ewlieni tal-esponiment għall-merkurju jokkorri mill-amalgama dentali. Sorsi oħra jinkludu l-ilma tax-xorb u l-konsum tal-ħut u organiżmi tal-baħar oħra. Il-merkurju jintuża wkoll għat-tubi fluworexxenti, il-batteriji u t-termometri. L-esponiment għall-merkurju f'livelli kritiċi jista' jikkawża r-rogħda, tibdil emozzjonali, insomnja, tibdil newromuskolari, uġigħ tar-ras, disturbi fis-sensazzjonijiet, tibdil fir-risponsi tan-nervituri. F'esponimenti ogħla jista' jkun hemm effetti fuq il-kliewi, falliment respiratorju u mewt.

Il-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(57) Il-Ġermanja tinnota li l-limiti tal-bijodisponibbiltà għall-merkurju stabbiliti fid-Direttiva 88/378/KEE u konsegwentement fil-miżuri nazzjonali nnotifikati, huma 0.5 μg/jum, li fl-istandard EN 71-3 ġew ittrasformati f'limiti tal-migrazzjoni ta' 60 mg/kg.

(58) Meta mqabbel mal-limiti tal-migrazzjoni tal-merkurju fil-materjali mibruxa kif stabbilit fid-Direttiva (94 mg/kg), il-Ġermanja tikkonkludi li din iż-żieda tikkontradixxi l-għan Ewropew tat-tnaqqis tal-esponiment tal-bniedem għall-merkurju.

(59) Għalhekk, il-Ġermanja titlob li jinżammu l-miżuri nazzjonali, irrispettivament mill-fatt li l-Ġermanja tistenna li ma jkunx hemm ħsara lis-saħħa mill-valuri stabbiliti fid-Direttiva.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(60) Kif spjegat qabel, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-valuri ta' limitu stabbiliti skont id-Direttiva jistgħu jitqiesu li huma iktar xierqa billi dawn huma bbażati fuq metodu xjentifiku tossikoloġiku konsistenti u trasparenti biex tiġi żgurata s-sikurezza.

(61) Il-limiti tal-migrazzjoni għall-merkurju fil-materjal tal-ġugarelli mibruxa huma bbażati fuq id-doża tollerabbli ta' kuljum irrakkomandata mill-RIVM fl-2007, u fuq il-preżunzjoni li l-kontribut tal-ġugarelli ma għandux ikun iktar minn 10 %. Dan il-perċentwal ġie mmultiplikat bil-piż stmat tat-tfal (7,5 kg), u diviż bil-kwantità stmata tal-materjal tal-ġugarelli li jkun inġestit (8 mg għall-materjali mibruxa) Il-limiti tal-migrazzjoni għall-merkurju fl-istandard EN 71-3 ġew derivati mil-limiti tal-bijodisponibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 88/378/KEE, abbażi tal-konsum tal-ikel stabbilit fl-1985. Il-metodu tal-kalkolu applikat ma qiesx il-piż tat-tfal u lanqas ma qies id-differenzi bejn il-materjali tal-ġugarelli, kif tagħmel id-Direttiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva huma iktar xierqa.

(62) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-Ġermanja, fil-ġustifikazzjoni li tat, tammetti li mhumiex mistennija effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem mill-valuri ta' limitu għall-merkurju kif stabbilit fid-Direttiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja ma tipprovdix evidenza li turi li l-miżuri notifikati tal-Ġermanja jiżguraw livell ogħla ta' protezzjoni.

(63) Skont l-istrateġija Ewropea dwar il-merkurju ([2]), ittieħdu miżuri sabiex jitnaqqas l-esponiment għall-merkurju, speċifikament fl-oqsma li jiġġeneraw esponiment kbir. Fir-rigward tal-ġugarelli, il-merkurju jintuża fil-batteriji, li għandhom ikunu inaċċessibbli għat-tfal. Għalhekk, minħabba l-inaċċessibilità tal-batteriji, it-tfal ma jiġux

([1]) RIVM (2006) Chemicals in Toys - A general methodology for assessment of chemical safety of toys with a focus on elements of the migration of heavy elements. Verżjoni Finali Riveduta, Ottubru 12, 2006, Taqsima II.10.7, paġna 184.

([2]) COM(2010) 723 finali

esposti għall-merkurju mill-ġugarelli. Il-Ġermanja ma pprovdiet l-ebda dejta dwar l-esponiment li tgħid il-kuntrarju. Ukoll, kif rikonoxxut mill-Ġermanja fil-ġustifikazzjonijiet imressqa, fis-snin riċenti ebda Stat Membru ma nnotifika lill-Kummissjoni miżuri kontra ġugarelli li fihom il-merkurju u li jinsabu fis-suq.

(64) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri notifikati mill-Ġermanja fir-rigward tal-merkurju, għalkemm ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet tas-saħħa pubblika, ma jistgħux jitqiesu li huma ġġustifikati minħabba r-raġunijiet ta' bżonn kbir ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

In-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli - informazzjoni ġenerali

(65) In-nitrosammini huma klassi ta' komposti kimiċi prodotti f'ċerti kundizzjonijiet (pH aċidiku, temperatura għolja, il-preżenza ta' ċerti aġenti riduttivi) f'varjetà ta' kompartimenti (prodotti tal-konsumaturi, sistemi bijoloġiċi, l-arja, eċċ.) meta n-nitriti jirreaġixxu mas-sustanzi hekk imsejħa nitrosatabbli. In-nitrosammini ġew individwati bħala kontaminatni f'għadd ta' prodotti inkluż ikel, birra, prodotti tat-tabakk, prodotti tal-gomma u kożmetiċi. L-iktar żewġ nitrosammini komuni, l-N-nitrosodimetilammina (NDMA) u l-N-nitrosodietilammina (NDEA) huma kklassifikati bħala karċinoġeni: l-NDMA hija kklassifikata fl-UE bħala karċinoġen 1B ("preżunta li għandha potenzjal karċinoġeniku għall-bniedem") ([1]). L-NDEA hija kklassifikata mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanser (IARC) bħala karċinoġen tal-kategorija 2 A ("aktarx li karċinoġeniku għall-bniedem") ([2]). Fil-ġugarelli, in-nitrosammini jinstabu fil-ġugarelli tal-gomma uż-żebgħa tas-swaba'.

(66) Id-Direttiva 88/378/KEE ma fihiex dispożizzjonijiet speċifiċi dwar in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli. Il-limiti tal-migrazzjoni fejn ġew introdotti fid-Direttiva għall-ġugarelli intiżi għat-tfal taħt it-tliet snin u ġugarelli oħra intiżi li jitqiegħdu fil-ħalq, applikabbli mill-20 ta' Lulju 2013. Il-limiti huma bbażati fuq l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti tal-Konsumatur (SCCP) mill-2007, marbuta mal-Preżenza u r-Rilaxx tan-Nitrosammini u l-Komposti Nitrosatabbli mill-Bżieżaq tal-Gomma.

Il-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(67) Il-Ġermanja taqbel li l-limiti stipulati mill-SCCP fir-rigward tal-bżieżeaq għandhom jitqiesu li jirrappreżentaw riskju negliġibbli. Madankollu, l-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li dawn il-limiti ma jistgħux jiġu estiżi lill-ġugarelli kollha magħmula mill-gomma sintetika u naturali u intiżi għat-tfal taħt it-tliet snin, billi l-parametri tal-esponiment huma preżunti li jkunu differenti.

(68) L-SCCP assuma li t-tfal jiġu esposti għall-bżieżaq għal 5 sigħat/sena. Il-Ġermanja tinnota li l-imġiba fejn it-tfal ipoġġu l-affarijiet f'ħalqhom taħt it-tliet snin hija preżunta li hi 3 sigħat/jum. L-awtoritajiet Ġermaniżi jikkonkludu li l-esponiment tat-tfal taħt it-tliet snin għall-ġugarelli tal-gomma hija ħafna ogħla minn dak għall-bżieżaq biss.

(69) Il-Ġermanja tqis ukoll li t-tfal jiġu esposti għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli mill-ġugarelli kollha tal-gomma, irrispettivament mill-użu intiż tagħhom. Il-Punt 8 tal-Anness II, il-parti III tad-Direttiva tindirizza, fl-opinjoni tal-Ġermanja, il-ġugarelli biss għal tfal taħt it-tliet snin u ġugarelli oħra intiżi li jitqiegħdu fil-ħalq. Għalhekk, il-Ġermanja tistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva sabiex jinkludi l-ġugarelli li mhumiex intiżi, iżda li aktarx jiġu, imqiegħda fil-ħalq, irrispettivament mill-età tal-utenti.

(70) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi jinnutaw li, skont l-iktar teknoloġija avvanzata, il-formazzjoni tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli waqt il-manifattura tal-gomma sintetika jew naturali, tista' tiġi evitata fil-biċċa l-kbira bl-użu tal-aċċelleraturi tal-vulkanizzazzjoni xierqa.

(71) Fid-dawl tal-ġustifikazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Ġermanja qed titlob li jinżammu l-miżuri nazzjonali marbuta man-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli għat-tfal taħt it-tliet snin, intiżi li jitqiegħdu fil-ħalq jew aktarx li jitqiegħdu fil-ħalq, u li jkunu tal-gomma sintetika jew naturali.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni tal-Gvern Federali Ġermaniż

(72) Il-Kummissjoni tinnota li l-miżuri Ġermaniżi marbuta man-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli ġew adottati fl-2008. F'dak il-waqt, ir-riskju fuq is-saħħa tal-bniedem minħabba l-esponiment tat-tfal żgħar għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli tal-gomma ma ġiex indirizzat mid-Direttiva 88/378/KEE. Dan ir-riskju ġie kkonfermat mill-SCCP fl-2007 u indirizzat mil-Leġiżlatur fir-reviżjoni tad-direttiva msemmija fuq.

(73) Il-Punt 8 tal-Anness II, il-parti III tad-Direttiva jipprojbixxi l-użu tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli f'ġugarelli intiżi għat-tfal taħt it-tliet snin u ġugarelli oħra intiżi li jitqiegħdu fil-ħalq, meta l-migrazzjoni tas-sustanzi tkun daqs jew ogħla minn 0,05 mg/kg għan-nitrosammini u 1 mg/kg għas-sustanzi nitrosatabbli.

([1]) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([2]) Monografi tal-IARC dwar Valutazzjoni tar-Riskji Karċinoġeniċi għall-Bniedem, volum 17.

(74) Dawk il-limiti huma bbażati fuq il-valuri li s-SCCP, fil-valutazzjoni tal-esponiment għall-bżieżaq, iqis li jirrappreżentaw riskju negliġibbli għas-saħħa. Minħabba n-nuqqas ta' dejta realistika meħtieġa għall-valutazzjoni tal-esponiment għall-ġugarelli tal-gomma, rikonoxxut mill-Ġermanja fil-ġustifikazzjonijiet imressqa, il-valuri ta' limitu rrakkomandati għall-bżieżaq ġew estiżi għal tipi oħra ta' ġugarelli li aktarx ikun fihom in-nitrosammini jew is-sustanzi nitrosatabbli.

(75) Fin-nuqqas ta' dejta preċiża, il-Kummissjoni taqbel li, fir-rigward tal-ġugarelli intiżi li jitqiegħdu fil-ħalq, id-dejta dwar l-imġiba tat-tfal li jqiegħdu l-affarijiet f'ħalqhom hija iktar relevanti min-dejta dwar l-esponiment għall-bżieżaq biex jiġu stabbiliti parametri tal-esponiment.

(76) Il-Kummissjoni taqbel li, skont l-aktar teknoloġija avvanzata, il-formazzjoni tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli waqt il-manifattura tal-gomma sintetika jew naturali, tista' tiġi evitata fil-biċċa l-kbira bl-użu tal-aċċelleraturi tal-vulkanizzazzjoni xierqa. L-SCCP laħaq l-istess konklużjoni fl-opinjoni tiegħu tal-2007. Barra minn hekk, huwa ppruvat li huwa teknikament fattibbli għall-manifattura tal-gażażi u l-gażażi tal-fliexken tat-trabi tal-gomma, fejn il-migrazzjoni tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli ma għandhiex tkun iktar minn 0,01 u 0,1 mg/kg rispettivament ([1]).

(77) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li qed jiġi żviluppat standard speċifiku mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għall-ittestjar tal-preżenza tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli. Il-Kummissjoni hija konxja li l-limiti għan-nitrosammini fiż-żebgħa tas-swaba' se jitnaqqsu minn 0,05 mg/kg għal 0,01 mg/kg fl-iżvilupp ta' dan l-istandard, sabiex l-esponiment tat-tfal jiġu kkunsidrat aħjar. Il-Kummissjoni se titlob lil CEN biex iqis id-dejta kollha dwar l-imġiba tat-tfal żgħar li jpoġġu l-affarijiet f'ħalqhom għall-ġugarelli kollha koperti mill-punt 8 tal-Anness II, il-parti III tad-Direttiva.

(78) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-miżuri notifikati mill-Ġermanja fir-rigward tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli għat-tfal taħt it-tliet snin, u li jkunu magħmula mill-gomma sintetika jew naturali jistgħu jitqiesu li huma ġġustifikati minħabba r-raġunijiet ta' bżonn maġġuri ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.

(79) Fir-rigward tal-estensjoni tal-kamp tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal ġugarelli li mhumiex intiżi, iżda li aktarx, jitqiegħdu fil-ħalq, il-Kummissjoni tinnota li dan ir-rekwiżit la huwa fis-seħħ fil-Ġermanja u lanqas huwa parti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali nnotifikata skont l-Artikolu 114(4). Għalhekk din it-talba ma tistax titqies li hija ammissibbli skont l-Artikolu 114(4).

(80) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li d-Direttiva tindirizza tajjeb il-kategoriji ta' ġugarelli li aktarx jirrilaxxaw in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli. Il-ġugarelli kollha intiżi għat-tfal taħt it-tliet snin huma kkonċernati, billi dawn it-tfal għandhom tendenza ikbar li jpoġġu l-affarijiet f'ħalqhom (jiġifieri tendenza li l-prodotti kollha jitpoġġew fil-ħalq, anki meta din ma tkunx l-intenzjoni). Il-ġugarelli għat-tfal ta' età ikbar huma kkonċernati biss meta dawn ikunu intiżi li jitqiegħdu fil-ħalq, dawn għandhom inqas tendenza li jpoġġu l-affarijiet f'ħalqhom milli t-tfal taħt it-tliet snin. Il-Kummissjoni hija konxja li t-tfal taħt it-tliet snin jistgħu jiġu f'kuntatt ma' ġugarelli intiżi għal tfal ta' età ikbar. Madankollu, dan ir-riskju jista' jiġi indirizzat b'mezzi oħra, li jkunu inqas restrittivi, bħal twissijiet xierqa li jindikaw li l-ġugarelli mhumiex adatti għal tfal taħt it-tliet snin. Id-Direttiva fiha dispożizzjonijiet għal dawn it-twissijiet.

Nuqqas ta' diskriminazzjoni arbitrarja

(81) L-Artikolu 114(6) jirrikjedi lill-Kummissjoni biex tivverifika li d-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati skont l-Artikolu 114(4) ma jkunux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja. In-nuqqas tad-diskriminazzjoni, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jfisser li ma għandux jingħata trattament differenti f'sitwazzjonijiet simili, u lanqas trattament simili f'sitwazzjonijiet differenti.

(82) Billi l-miżuri marbuta mal-merkurju, l-arseniku u l-antimonju mhumiex iġġustifikati mill-bżonn li tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni ma għandhiex tivverifika jekk hijiex sodisfatta din il-kundizzjoni.

(83) Il-miżuri nazzjonali Ġermaniżi marbuta maċ-ċomb, il-barju, in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli japplikaw mingħajr distinzjoni għall-prodotti kollha, kemm jekk immanifatturati fil-Ġermanja u kemm jekk impurtati minn Stati Membri oħra. Għalhekk, ma hemm ebda evidenza li l-miżuri Ġermaniżi ntużaw bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja bejn l-operaturi ekonomiċi fil-Komunità.

Nuqqas ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ

(84) Il-miżuri nazzjonali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' Direttiva Ewropea normalment ikunu xkiel għall-kummerċ. Il-prodotti li jitqiegħdu legalment fis-suq fil-bqija tal-UE ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq fl-Istat Membru kkonċernat. L-Artikolu 114(6) għandu l-għan li ma jħallix li l-miżuri notifikati skont l-Artikolu 114(4) jiġu applikati għal raġunijiet mhux xierqa, u fir-realtà jkunu miżuri ekonomiċi intiżi biex jipproteġu b'mod indirett lill-produzzjoni nazzjonali.

([1]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/11/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar ir-rilaxx tas-sustanzi N-nitrosamini u N-nitrosatabbli mill-gażażi u soothers ta' l-elastomeri jew tal-lastiku naturali (ĠU L 93, 17.4.1993, p. 37).

(85) Billi l-miżuri marbuta mal-merkurju, l-arseniku u l-antimonju mhumiex iġġustifikati mill-bżonn li tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni ma għandhiex tivverifika jekk hijiex sodisfatta din il-kundizzjoni.

(86) Fir-rigward taċ-ċomb, il-Kummissjoni taqbel li l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva ma għadhomx joffru livell xieraq ta' protezzjoni, billi l-isfond xjentifiku għall-iffissar tal-valuri evolva. Konswegwentement, il-Kummissjoni wettqet reviżjoni ta' dawn il-miżuri. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-talba Ġermaniża hija bbażata fuq tħassib reali dwar is-saħħa tat-tfal, u mhijiex fil-fatt restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(87) Fir-rigward tal-barju, il-Kummissjoni taqbel li l-valutazzjoni tal-WHO ma ġietx meqjusa b'mod xieraq mill-RIVM meta rrakkomanda doża tollerabbli ta' kuljum. Għalhekk, hemm inċertezzi dwar il-livell tal-protezzjoni li toffri d-Direttiva. Il-Kummissjoni talbet kjarifiki mingħand SCHER u jekk ikun hemm bżonn se tqis ir-reviżjoni tal-limiti, hekk kif SCHER ikun adotta l-opinjoni tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-talba Ġermaniża hija bbażata fuq tħassib reali dwar is-saħħa tat-tfal, u mhijiex fil-fatt restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(88) Fir-rigward tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli, il-Kummissjoni taqbel li l-parametri tal-esponiment fir-rigward tal-imġiba tat-tfal li jpoġġu l-affarijiet f'ħalqhom ma ġewx meqjusa sew meta ġew stabbiliti l-valuri ta' limitu fid-Direttiva. Il-Kummissjoni se titlob lil CEN biex iqis dawn il-parametri biex jitbaxxew il-valuri ta' limitu fil-proċess tal-istandardizzazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-talba Ġermaniża hija bbażata fuq tħassib reali dwar is-saħħa tat-tfal, u mhijiex fil-fatt restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Nuqqas ta' xkiel fil-funzjonament tas-suq intern

(89) L-Artikolu 114(6) jipprojbixxi l-approvazzjoni ta' kull miżura nazzjonali li aktarx taffettwa t-tħaddim tas-suq intern. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma jistax jiġi interpretat bħala projbizzjoni tal-approvazzjoni tal-miżuri kollha li aktarx jaffettwaw it-tħaddim tas-suq intern. Il-miżuri kollha li jidderogaw minn miżura ta' armonizzazzjoni huma miżura li aktarx taffettwa t-tħaddim tas-suq intern. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' ostaklu għat-tħaddim tas-suq intern kif imsemmi fl-Artikolu 114(6) għandu jinftiehem bħala effett sproporzjonat f'rabta mal-għan mixtieq, sabiex jippreserva l-karattru utli tal-proċedura.

(90) Billi l-miżuri marbuta mal-merkurju, l-arseniku u l-antimonju mhumiex iġġustifikati mill-bżonn li tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni ma għandhiex tivverifika jekk hijiex sodisfatta din il-kundizzjoni.

(91) Fir-rigward taċ-ċomb u l-barju, il-Kummissjoni tinnota li l-manifatturi, meta japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, se jkunu jistgħu jqiegħdu ġugarelli fis-swieq tal-Istati Membri kollha ħlief tal-Ġermanja. Il-manifatturi aktarx li mhux se jiżviluppaw żewġ settijiet ta' ġugarelli differenti, iżda se jallinjaw id-dispożizzjonijiet tad-deroga sabiex ikollhom ġugarelli li jkunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-limiti Ġermaniżi għaċ-ċomb u l-barju huma dawk li kienu applikabbli fl-UE mill-1990 fuq il-bażi tad-Direttiva 88/378/KEE, u għalhekk jistgħu jiġu sodisfatti teknikament mill-manifatturi. Il-manifatturi tal-ġugarelli kkonfermaw din il-preżunzjoni huma u jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-miżuri Ġermaniżi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha raġunijiet biex tikkunsidra li l-effett fuq it-tħaddim tas-suq intern huwa fi proporzjon mal-għan tal-protezzjoni ta' saħħet it-tfal.

(92) Fir-rigward tan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli, il-Kummissjoni tikkonkludi bl-istess mod. Il-miżuri Ġermaniżi dwar in-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli ilhom applikabbli fil-Ġermanja mill-2008. Sa fejn taf il-Kummissjoni, il-manifatturi ma żviluppawx żewġ settijiet ta' ġugarelli differenti, iżda allinjaw id-dispożizzjonijiet tad-deroga sabiex ikollhom ġugarelli li jistgħu jitqiegħdu fis-suq fl-Istati Membri kollha. Bil-bidu tal-applikazzjoni tad-Direttiva, li hija inqas stretta mill-miżuri Ġermaniżi, il-Kummissjoni tistenna li l-manifatturi jallinjaw mad-dispożizzjonijiet l-iktar stretti sabiex ikollhom ġugarelli li jkunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-limiti Ġermaniżi huma teknikament fattibbli billi l-manifatturi ilhom jikkonformaw magħhom mill-2008 'l hawn. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha raġunijiet biex tikkunsidra li l-effett fuq it-tħaddim tas-suq intern huwa fi proporzjon mal-għan tal-protezzjoni ta' saħħet it-tfal.

**KONKLUŻJONI**

(93) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mill-Ġermanja fir-rigward tal-merkurju, l-arseniku u l-antimonju mhumiex iġġustifikati minħabba raġunijiet ta' bżonn maġġuri ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati ma jistgħux jiġu approvati.

(94) Fir-rigward tal-miżuri nazzjonali nnotifikati mill-Ġermanja għaċ-ċomb u l-barju, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn il-miżuri huma meqjusa bħala ġġustifikati mill-bżonn għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, u li la huma mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja, la huma restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas ostaklu disproporzjonat għat-tħaddim tas-suq intern. Il-Kummissjoni għalhekk għandha raġunijiet biex tikkunsidra li l-miżuri nazzjonali nnotifikati jistgħu jkunu approvati, soġġetti għal limitu ta' żmien.

(95) Fir-rigward tal-miżuri nazzjonali nnotifikati għan-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri huma ġġustifikati millbżonn tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, u li dawn la huma mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja, la restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas ostaklu disproporzjonat għat-tħaddim tas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha raġunijiet biex tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu approvati.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri Ġermaniżi marbuta mal-antimonju, l-arseniku u l-merkurju notifikati skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE mhmiex approvati.

Il-miżuri Ġermaniżi marbuta maċ-ċomb u nnotifikati skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE huma approvati sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-UE li jiffissaw limiti ġodda għaċ-ċomb fil-ġugarelli jew il-21 ta' Lulju 2013, liema minnhom jiġi l-ewwel.

Il-miżuri Ġermaniżi marbuta mal-barju u nnotifikati skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE huma approvati sad-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-UE li jiffissaw limiti ġodda għall-barju fil-ġugarelli jew il-21 ta' Lulju 2013, liema minnhom jiġi l-ewwel.

Il-miżuri Ġermaniżi marbuta man-nitrosammini u s-sustanzi nitrosatabbli notifikati skont l-Artikolu 114(4) tat-TFUE huma approvati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni ġiet indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-19 ta’ Marzu 2012

## li tipprevedi l-inizjazzjoni ta’ investigazzjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Unika tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drogi Narkotiċi fil-Bolivja

(2012/161/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta’ Lulju 2008 li japplika skema ta’ preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Preferenzi Ġeneralizzati,

Billi:

(1) Fid-29 ta’ Ġunju 2011, il-Gvern tal-Istat Plurinazzjonali tal-Bolivja (aktar ’il quddiem il-Bolivja) iddepożita strument ta’ denunzja tal-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Id-denunzja daħlet fis-seħħ għall-Bolivja fl-1 ta’ Jannar 2012.

(2) Il-Bolivja mbagħad iddepożitat strument għall-aċċess mill-ġdid tal-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi b’riżerva fuq l-użu tradizzjonali tal-weraq tal-koka (b’mod partikolari t-timgħid u l-użijiet mediċinali). Din it-talba għall-aċċess mill-ġdid qiegħda bħalissa tiġi vvalutata mill-Istati Partijiet.

(3) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 jipprevedi l-irtirar temporanju tal-arranġament speċjali ta’ inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmi fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II ta’ dak ir-Regolament, b’mod partikolari jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tinkorporax aktar dawk il-konvenzjonijiet imsemmija fl-Anness III li ġew ratifikati sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1) u (2) jew jekk dik il-leġiżlazzjoni ma tkunx implimentata b’mod effettiv. Dan l-arranġament ġie approvat għall-Bolivja permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/938/KE ([2]).

(4) Il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi hija elenkata fl-Anness III, il-Parti B, il-punt 24, tar-Regolament (KE) Nru 732/2008.

(5) L-Artikolu 17(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 jipprevedi li meta l-Kummissjoni tirċievi tagħrif li jista’ jiġġustifika l-irtirar temporanju u meta tqis li hemm raġunijiet biżżejjed għal investigazzjoni, din għandha tgħarraf lill-Kumitat għall-Preferenzi Ġeneralizzati u titlob konsultazzjonijiet. Skont l-Artikolu 17(2), wara l-konsultazzjonijiet il-Kummissjoni tista’ tiddeċiedi li tniedi investigazzjoni.

(6) Huwa meħtieġ li jiġu analizzati l-effetti tad-denunzja ta’ dik il-Konvenzjoni sabiex jiġi determinat jekk jiġġustifikawx irtirar temporanju tal-arranġament speċjali ta’ inċentiv. Għalhekk, hemm biżżejjed raġunijiet għal investigazzjoni.

(7) Il-konsultazzjonijiet mal-Kumitat għall-Preferenzi Ġeneralizzati saru fis-27 ta’ Frar 2012,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni għandha tniedi investigazjoni sabiex tistabbilixxi jekk id-denunzja tal-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tiġġustifikax irtirar temporanju tal-arranġament speċjali ta’ inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-prodotti li joriġinaw mill-Bolivja.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

([2]) ĠU L 334, 12.12.2008, p. 90.

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2011 TAL-KUMITAT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA DWAR IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU FIR-RIGWARD TAL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

**tal-20 ta' Diċembru 2011**

**dwar l-inklużjoni fl-Anness 1 tal-Kapitolu 19 il-ġdid dwar l-installazzjonijiet tal-Funikular u l-aġġornament tar-referenzi legali mniżżla fl-Anness 1**

(2012/162/UE)

IL-KUMITAT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità ("il-Ftehim") u b'mod partikolari l-Artikoli 10(4), 10(5) u 18(2) tiegħu;

Billi, l-Artikolu 10(5) tal-Ftehim jistipula li l-Kumitat jista', fuq proposta ta' waħda mill-Partijiet, ibiddel l-Annessi tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. L-Anness 1 dwar is-Setturi tal-Prodott, tal-Ftehim hu emendat biex jinkludi l-Kapitolu 19 ġdid dwar l-installazzjonijiet tal-Funikular b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness A anness ma' din id-Deċiżjoni.

2. L-Anness 1 dwar is-Setturi tal-Prodott tal-Ftehim huwa emendat b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness B anness ma' din id-Deċiżjoni.

3. Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata mir-rappreżentanti tal-Kumitat li huma awtorizzati biex jaġixxu f'isem il-Partijiet. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ minn dakinhar li ssir l-aħħar firma.

Iffirmata f'Bern, l-20 ta' Diċembru 2011.

*F'isem il-Konfederazzjoni Svizzera*

Christophe PERRITAZ

Iffirmata fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2011.

*F'isem l-Unjoni Ewropea*

Fernando PERREAU DE PINNINCK

*ANNESS A*

Fl-Anness 1, is-Setturi tal-Prodott, għandu jiġi introdott dan il-Kapitolu 19 li ġej dwar l-installazzjonijiet tal-Funikular:

"KAPITOLU 19

**L-INSTAZZJONIJIET TAL-FUNIKULAR**

TAQSIMA I

**Dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi**

*Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2)*

| | |
|---|---|
| L-Unjoni Ewropea | Id-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21; minn issa 'l quddiem tissejjaħ id-Direttiva 2000/9/KE). |
| L-Isvizzera | Il-Liġi Federali tat-23 ta' Ġunju 2006 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (RO 2006 5753) kif emendata l-aħħar fl-20 ta' Marzu 2009 (RO 2009 5597). |
| | L-Ordinanza tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (RO 2007 39), kif emendata l-aħħar fil-11 ta' Ġunju 2010 (RO 2010 2749). |

TAQSIMA II

**Korpi tal-valutazzjoni tal-konformità**

Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim għandu jħejji u jżomm aġġornata, skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 11 tal-Ftehim, lista tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.

TAQSIMA III

**Awtoritajiet li jaħtru**

Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim għandu jfassal u jaġġorna lista tal-awtoritajiet li jaħtru nnotifikati mill-Partijiet.

TAQSIMA IV

**Regoli speċjali marbuta mal-ħatra tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità**

Għall-ħatra tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, l-awtoritajiet li jaħtru għandhom ikunu konformi mal-prinċipji ġenerali li jinsabu fl-Anness 2 ta' dan il-Ftehim u l-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness VIII tad-Direttiva 2000/9/KE.

TAQSIMA V

**Dispożizzjonijiet supplimentari**

1. *Skambju tal-informazzjoni*

Skont l-Artikoli 9 u 12 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni adatta ta' dan il-Kapitolu.

L-awtoritajiet kompetenti fl-Isvizzera u fl-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea għandhom b'mod partikolari jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/9/KE.

Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità maħtura skont it-Taqsima IV ta' dan l-Anness għandhom jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tad-Direttiva 2000/9/KE, fir-rigward tal-punti 7 u 8 tal-Modulu B, il-punt 6 tal-Modulu D, u l-punti 6 u 7,5 tal-Modulu H.

2. *Dokumentazzjoni teknika*

Għandu jkun suffiċjenti għall-manifatturi, għar-rappreżentanti awtorizzati minnhom jew għall-persuna responsabbli mit-tqegħid tal-prodotti fis-suq, li jżommu d-dokumentazzjoni teknika kif inhu meħtieġ mid-Direttiva 2000/9/KE fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet.

Il-Partijiet b'dan qed jintrabtu li jibagħtu d-dokumenti tekniċi rilevanti kollha meta mitluba mill-awtoritajiet tal-Parti l-oħra.

3. *Monitoraġġ tas-suq*

Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bl-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-attivitajiet ta' sorveljanza involuti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom stabbiliti fit-territorju tagħhom kif stipulat fit-Taqsima I.

Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bl-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq fil-korpi maħtura għal dan il-għan."

*ANNESS B*

**EMENDI GĦALL-ANNESS I**

IL-KAPITOLU 1

**IL-MAKKINARJU**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "L-Unjoni Ewropea | 1. Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24), kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2009/127/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda d-Direttiva 2006/42/KE dwar makkinarju għall-applikazzjoni tal-pestiċidi (ĠU L 310, 25.11.2009, p. 29). |
| L-Isvizzera | 100. Il-Liġi Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2573). |
| | 101. L-Ordinanza tad-19 ta' Mejju 2010 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2583). |
| | 102. L-Ordinanza tat-2 ta' April 2008 dwar is-sikurezza tal-makkinarju (RO 2008 1785), kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Mejju 2010 (RO 2010 2583)." |

IL-KAPITOLU 2

**IT-TAGĦMIR PROTETTIV PERSONALI**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "L-Isvizzera | 100. Il-Liġi Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2573) |
| | 101. L-Ordinanza tad-19 ta' Mejju 2010 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2583)." |

IL-KAPITOLU 5

**L-APPARAT TAL-GASS U L-BOJLERS**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "L-Isvizzera | 101. Il-Liġi Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2573). |
| | 102. L-Ordinanza tad-19 ta' Mejju 2010 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2583)." |

IL-KAPITOLU 6

**IL-KONTENITURI TAL-PRESSA**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(1), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "L-Unjoni Ewropea | 1. Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1)." |

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

102. Il-Liġi Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2573).

103. L-Ordinanza tad-19 ta' Mejju 2010 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2583).

104. L-Ordinanza tal-20 ta' Novembru 2002 dwar is-sikurezza tal-kontenituri bi pressa sempliċi (RO 2003 38), kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Mejju 2010 (RO 2010 2583).

105. L-Ordinanza tal-20 ta' Novembru 2002 dwar is-sikurezza tal-kontenituri bi pressa sempliċi (RO 2003 38), kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Mejju 2010 (RO 2010 2583)."

IL-KAPITOLU 7

## IT-TAGĦMIR TAR-RADJU U T-TAGĦMIR TAT-TERMINALI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tat-30 ta' April 1997 dwar it-Telekomunikazzjonijiet (LTC); (RO 1997 2187), kif emendata l-aħħar fit-12 ta' Ġunju 2009 (RO 2010 2617).

101. Il-Liġi Federali tal-14 ta' Ġunju 2002 dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet (OIT); (RO 2002 2086), kif emendata l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2009 (RO 2009 6243).

102. L-Ordinanza tal-14 ta' Ġunju 2002 tal-Uffiċċju Federali tat-Telekomunikazzjonijiet (OFCOM) dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet; (RO 2002 2111) kif emendata l-aħħar fis-7 ta' April 2011 (RO 2011 1391).

103. L-Anness 1 tal-Ordinanza tal-OFCOM dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet (RO 2002 2115), kif emendata l-aħħar fil-21 ta' Novembru 2005 (RO 2005 5139).

104. Il-lista ta' standards tekniċi ppubblikata fil-Feuille Fédérale bit-titli u r-referenzi, kif emendata l-aħħar fit-3 ta' Mejju 2011 (FF 2011 0799).

105. L-Ordinanza tad-9 ta' Marzu 2007 dwar is-Servizzi tat-Telekomunikazzjoni (RO 2007 945), kif emendata l-aħħar fl-4 ta' Novembru 2009 (RO 2009 5821)."

IL-KAPITOLU 8

## IT-TAGĦMIR U S-SISTEMI PROTETTIVI MAĦSUBA GĦALL-UŻU F'ATMOSFERI POTENZJALMENT SPLUSSIVI

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tal-24 ta' Ġunju 1902 dwar installazzjonijiet elettriċi b'kurrent baxx u qawwi (RO 19 252 u RS 4 798), kif emendata l-aħħar fl-20 ta' Marzu 2008 (RO 2008 3437).

101. L-Ordinanza tat-2 ta' Marzu 1998 dwar is-sikurezza ta' tagħmir u sistemi protettivi maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi (RO 1998 963), kif emendata fil-11 ta' Ġunju 2010 (RO 2010 2749).

102. Il-Liġi Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2573).

103. L-Ordinanza tad-19 ta' Mejju 2010 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2583)."

IL-KAPITOLU 9

**IT-TAGĦMIR ELETTRIKU U L-KOMPATIBBILTÀ ELETTROMANJETIKA**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tal-24 ta' Ġunju 1902 dwar installazzjonijiet elettriċi b'kurrent baxx u qawwi (RO 19 252 u RS 4 798), kif emendata l-aħħar fl-20 ta' Marzu 2008 (RO 2008 3437).

101. L-Ordinanza tat-30 ta' Marzu 1994 dwar installazzjonijiet elettriċi b'kurrent baxx (RO 1994 1185), kif emendata l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2009 (RO 2009 6243).

102. L-ordinanza tat-30 ta' Marzu 1994 dwar installazzjonijiet elettriċi b'kurrent qawwi (RO 1994 1199), kif emendata l-aħħar fit-8 ta' Diċembru 1997 (RO 1998 54).

103. L-Ordinanza tad-9 ta' April 1997 dwar tagħmir elettriku b'vultaġġ baxx (RO 1997 1016), kif emendata l-aħħar fil-11 ta' Ġunju 2010 (RO 2010 2749).

104. L-Ordinanza tad-18 ta' Novembru 2009 dwar il-kompatibbiltà elettromanjetika (RO 2009 6243), kif emendata l-aħħar fl-24 ta' Awwissu 2010 (RO 2010 3619).

105. Il-Liġi Federali tal-14 ta' Ġunju 2002 dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjonijiet (OIT); (RO 2002 2086), kif emendata l-aħħar fit-18 ta' Novembru 2009 (RO 2009 6243)."

IL-KAPITOLU 11

**L-ISTRUMENTI TAL-KEJL U L-IMBALLAĠĠI LESTI**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

102. Il-Liġi Federali tad-9 ta' Ġunju 1977 dwar il-metroloġija (RO 1977 2394), kif emendata l-aħħar fit-18 ta' Ġunju 2010 (RO 2010 5003).

103. L-Ordinanza tat-23 ta' Novembru 1994 dwar l-unitajiet tal-kejl (RO 1994 3109).

104. L-Ordinanza tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-istrumenti tal-kejl (RO 2006 1453), kif emendata l-aħħar fit-8 ta' Settembru 2010 (RO 2010 4489).

105. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tas-16 ta' April 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl li mhumiex awtomatiċi (RO 2004 2093), kif emendata l-aħħar fit-2 ta' Ottubru 2006 (RO 2006 4189).

106. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar l-istrumenti li jkejlu t-tul (RO 2006 1433).

107. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar il-kejl tal-volum (RO 2006 1525).

108. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar is-sistemi tal-kejl għal-likwidi minbarra l-ilma (RO 2006 1533), kif emendata l-aħħar fil-5 ta' Ottubru 2010 (RO 2010 4595).

109. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar l-istrumenti tal-kejl awtomatiċi (RO 2006 1545).

110. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar l-istrumenti li jkejlu l-enerġija termali (RO 2006 1569).

111. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar l-istrumenti li jkejlu l-kwantitajiet tal-gass (RO 2006 1591).

112. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar l-istrumenti li jkejlu l-gassijiet tal-egżost tal-magni b'kumbustjoni (RO 2006 1599).

113. L-Ordinanza tal-Ministeru Federali tal-Ġustizzja u l-Pulizija tad-19 ta' Marzu 2006 dwar l-istrumenti li jkejlu l-enerġija u l-qawwa tal-elettriku (RO 2006 1613).

114. L-Ordinanza tal-15 ta' Awwissu 1986 dwar l-użini (RO 1986 2022), kif emendata l-aħħar fit-2 ta' Ottubru 2006 (RO 2006 4193)."

IL-KAPITOLU 14

**PRATTIKA TAJBA FIL-LABORATORJU, GLP**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tas-7 ta' Ottubru 1983 dwar il-ħarsien tal-ambjent (RO 1984 1122), kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Marzu 2010 (RO 2010 3233).

101. Il-Liġi Federali tal-15 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien minn sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (RO 2004 4763), kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Ġunju 2005 (RO 2006 2197).

102. L-Ordinanza tat-18 ta' Mejju 2005 dwar il-ħarsien minn sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (RO 2005 2721), kif emendata l-aħħar fl-10 ta' Novembru 2010 (RO 2010 5223).

103. L-Ordinanza tat-18 ta' Mejju 2005 dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (RO 2005 3035), kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Ġunju 2011 (RO 2011 2927).

104. Il-Liġi Federali tal-15 ta' Diċembru 2000 dwar il-prodotti mediċinali u t-tagħmir mediku (RO 2001 2790), kif emendata l-aħħar fit-8 ta' Settembru 2010 (RO 2010 4027).

105. L-Ordinanza tas-17 ta' Ottubru 2001 dwar prodotti mediċinali (RO 2001 3420), kif emendata l-aħħar fit-8 ta' Settembru 2010 (RO 2010 3863)."

IL-KAPITOLU 15

**L-ISPEZZJONIJIET TA' PRATTIKA TAJBA FIL-MANIFATTURA TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI U Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI TAL-LOTTIJIET**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tal-15 ta' Diċembru 2000 dwar il-prodotti mediċinali u t-tagħmir mediku (RO 2001 2790), kif emendata l-aħħar fit-8 ta' Settembru 2010 (RO 2010 4027).

101. L-Ordinanza tas-17 ta' Ottubru 2001 dwar it-twaqqif tal-liċenzji (RO 2001 3399), kif emendata l-aħħar fil-25 ta' Mejju 2011 (RO 2011 2561).

102. L-Ordinanza tal-Aġenzija Svizzera għall-Prodotti Terapewtiċi tad-9 ta' Novembru 2001 dwar ir-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali (RO 2001 3437), kif emendata l-aħħar fit-22 ta' Ġunju 2006 (RO 2006 3587).

103. L-Ordinanza tas-17 ta' Ottubru 2001 dwar il-provi kliniċi ta' prodotti farmaċewtiċi (RO 2001 3511), kif emendata l-aħħar fit-8 ta' Settembru 2010 (RO 2010 4043)."

IL-KAPITOLU 17

**IL-LIFTIJIET**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Unjoni Ewropea

1. Id-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1995 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-liftijiet (ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju u emendata mid-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).

L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2573).

101. L-Ordinanza tad-19 ta' Mejju 2010 dwar is-sikurezza tal-prodott (RO 2010 2583).

102. L-Ordinanza tat-23 ta' Ġunju 1999 dwar is-sikurezza tal-liftijiet (RO 1999 1875), kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Mejju 2010 (RO 2010 2583)."

IL-KAPITOLU 18

**IL-PRODOTTI BIJOĊIDALI**

Fit-Taqsima I, Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministattivi, id-Dispożizzjonijiet koperti bl-Artikolu 1(2), ir-referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Isvizzera għandhom jitneħħew u jinbidlu b'dan li ġej:

"L-Isvizzera

100. Il-Liġi Federali tal-15 ta' Diċembru 2000 għall-ħarsien minn sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (RO 2004 4763), kif emendata l-aħħar fis-17 ta' Ġunju 2005 (RO 2006 2197).

101. Il-Liġi Federali tas-7 ta' Ottubru 1983 dwar il-ħarsien tal-ambjent (RO 1984 1122), kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Marzu 2010 (RO 2010 3233).

102. L-Ordinanza tat-18 ta' Mejju 2005 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali (RO 2005 2821), kif emendata l-aħħar fl-4 ta' April 2011 (RO 2011 1403)."

## RETTIFIKA

### Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 12 tal-14 ta' Jannar 2012)*

F'paġna 17, fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu:

*minflok:* "1 ta' Novembru 2012",

*aqra:* "1 ta' Novembru 2011".

---

### Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 560/2009 tas-26 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 874/2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 166 tas-27 ta' Ġunju 2009)*

Fl-Anness, taħt ĊIPRU:

— *minflok:* "594. μπέϊκιοϊ"

*aqra:* "594. μπέικιοϊ"

— *minflok:* "595. μπέλαπαϊς"

*aqra:* "595. μπέλαπαϊς"

— *minflok:* "622. ορτάκιοϊ"

*aqra:* "622. ορτάκιοϊ"

Fl-Anness, taħt L-IRLANDA:

— *minflok:* "12. iρλανδία"

*aqra:* "12. ιρλανδία"

Fl-Anness, taħt IS-SLOVAKKJA:

— *minflok:* "22. σλoßακικη-δημοκρατια"

*aqra:* "22. σλοβακικη-δημοκρατια"

— *minflok:* "41. σλoßακικηδημοκρατια"

*aqra:* "41. σλοβακικηδημοκρατια"

— *minflok:* "55. σλoßακικη"

*aqra:* "55. σλοβακικη"

Fl-Anness, taħt IN-NORVEĠJA:

— *minflok:* "17. Νορßηγία"

*aqra:* "17. Νορβηγία"

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 560/2009 tas-26 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 874/2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni** (ĠU L 166, 27.6.2009) 39

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT